**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 109/2022**

**HD (l-Ilmentatur)**

**vs**

**APS Bank p.l.c. (C 2192)**

**(il-Provditur tas-Servizz/il-Bank)**

**Seduta tas-7 ta' Dicembru 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**[1] fejn l-Ilmentatur jissottometti illi huwa kien ghamel xi tranzazzjonijiet fi *cryptocurrency* meta gie mhajjar biex jaghmel xi 'investimenti' minn terzi fuq l-*internet*.

L-Ilmentatur jghid li fit-23 ta' Dicembru 2021 xtara xi prodotti finanzjarji minghand *'Tbit/First Monument'* u baqa' ma rceviex dak li kien investa fih. Fis-26 ta' Jannar 2022, ikkuntattja lill-Bank biex jiehu *chargeback* peress li skont hu kien ghadu fiz-zmien li jaghmel dan.

L-Ilmentatur izid jghid li hu jhossu 'imwegga'' bil-mod kif kienu imxew mieghu *Tbit/First Monument* meta uzaw tattici mhux xierqa u bdew ibezzghuh sabiex jiehdu flus aktar minghandu. Meta irrealizza li gie *'scammed',* ikkuntattja lill-Bank u tahom l-informazzjoni kollha mehtiega. Izda minkejja din l-informazzjoni, l-Bank cahad it-talba tieghu ghar-rimbors tal-flus li kien tilef.

L-Ilmentatur ihoss li l-Bank ma kienx mexa b'mod professjonali mieghu u ma dahalx fil-fond tal-kaz tieghu.

[1] Pagna/i (P) 2-4

L-Ilmentatur irid li l-Bank jagħmel investigazzjoni xierqa u jerfa' r-responsabbiltà tiegħu kif suppost. Talab li jiġi rimbursat is-somma totali ta' €15,000.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jgħid:**

1. Illi mill-ilment kif imressaq, jirriżulta li sfortunatament l-Ilmentatur inġidem minn terzi u, cioè, *Tbit* u *First Monument*, u issa qiegħed jippretendi li l-Bank esponenti jagħmel tajjeb għall-aġir ta' dawn it-terzi. Però, l-Bank esponenti m'huwiex il-Provditur tas-Servizz li dwaru jirrelata l-ilment in kwistjoni, fis-sens li l-prodotti finanzjarji li dwarhom qiegħed jilmenta l-Ilmentatur ma nxtrawx mill-Bank esponenti. Fil-fatt, il-Bank esponenti ma joffrix tali servizz jew prodotti finanzjarji;

2. Illi l-Bank esponenti lanqas ma kien involut fit-tranżazzjonijiet li dwarhom qiegħed jilmenta l-Ilmentatur. It-tranżazzjonijiet fejn il-Bank esponenti kien involut huma biss bejn l-istess Bank u *Coinbase*, u dan kif jirriżulta mid-dokumenti annessi mal-ilment u anke mill-istess ilment. *Coinbase* hija *currency exchange platform* rikonoxxuta u, għalhekk, għall-Bank esponenti kull tranżazzjoni bejn l-istess Bank u *Coinbase* hi tranżazzjoni leġittima. Fil-fatt, l-ilment in kwistjoni ma jirrigwardax tranżazzjonijiet li saru bejn il-Bank esponenti u *Coinbase*. Ma saret l-ebda tranżazzjoni bejn il-Bank esponenti u *Tbit* jew *First Monument* jew terzi oħra li fir-rigward tagħhom jirrelata l-ilment odjern. Għalhekk ukoll m'hemm l-ebda lok għal *chargeback* kif qiegħed jippretendi l-Ilmentatur;

3. Illi l-Ilmentatur qiegħed jallega li l-Bank esponenti ma mexiex b'mod professjonali miegħu in kwantu naqas milli jidħol fil-fond tal-każ tiegħu, fejn sofra vittma ta' terzi kif fuq spjegat. Però, kif già spjegat lill-Ilmentatur permezz tal-ittra tal-Bank tat-8 ta' Ġunju 2022, annessa mal-ilment, il-Bank esponenti ma kienx involut u ma kienx parti mit-tranżazzjonijiet jew mill-pagamenti magħmula lil dawn it-terzi u, fil-fatt, il-Bank ma kellux viżibilità tal-istess. Konsegwentement, il-Bank esponenti la seta' jikkontrolla u wisq anqas iwaqqaf tali tranżazzjonijiet jew pagamenti, kif qiegħed erronjament jippretendi l-ilmentatur;

4. Illi, għaldaqstant, it-talbiet tal-ilmentatur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

5. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra d-dokumenti kollha esebiti**

**Jikkonsidra**

L-ilment jirrigwardja diversi tranzazzjonijiet li ghamel l-Ilmentatur lil *Tbit/First Monument* permezz ta' *Coinbase* li hi pjattaforma li permezz taghha tista' tixtri jew tbiegh il-*cryptocurrency*. L-Ilmentatur jghid car u tond waqt ix-xhieda tieghu li hu ghadda l-flus lil *Coinbase* biex dawn jigu ttrasferiti lil *Tbit/First Monument.*

Min-naha tieghu, il-Bank isostni li t-tranzazzjonijiet li ghamel l-Ilmentatur kienu diretti lejn *Coinbase* u lil min hallset *Coinbase* ma setax ikun jaf. Ghalih *Coinbase* hija kumpanija kbira rinomata u ghalhekk ma setax ikollu dubji li t-tranzazzjonijiet li ghamel l-ilmentatur lil *Coinbase* setghu kienu qarrieqa. Wara li l-Bank jghaddi l-flus lil *Coinbase* ma setax ikun jaf il-flus fejn ser jispiccaw u ghalhekk m'ghandu l-ebda tort li l-Ilmentatur kien gie '*scammed'*.

***Coinbase***

*Coinbase* hija kumpanija mondjali fejn wiehed jista' jixtri u jbiegh il-*cryptocurrency*:

'***Coinbase is one of the most trusted cryptocurrency exchanges today****. It secures cash on FDIC-secured accounts, lets you securely connect and trade crypto via your bank account, and blocks suspicious accounts to ensure user safety*.'[2]

L-Ilmentatur jammetti li hu kien uza din il-pjattaforma u taha struzzjonijiet sabiex il-flus jghaddu ghand *Tbit/First Monument* u jammetti wkoll li kienu dawn li gidmuh:

*'Nikkonferma li l-flus lil Tbit u First Monument gew minghand Coinbase. Naqbel li Coinbase hija currency exchange platform. Naqbel li l-flus mill-APS jien ittrasferejthom ghal Coinbase u minn Coinbase jien ordnajt li l-flus imorru ghand First Monument u Tbit.*

[2] https://www.coinbase.com

*Nghid li dak li xtrajt minghand Tbit u First Monument mar hazin. Nghid li ingdimt minn Tbit u First Monument ghax dawn huma scammers, jimmanipulawk.'*[3]

Izid jghid li :

'*Nghid li iva, Coinbase ircevew il-flus mill-APS u minn hemm hallast lil Tbit u First Monument'.*[4]

Min-naha tieghu, il-Providtur tas-Servizz permezz tax-xhud tieghu, **Scott Lee Holloway,** spjega dan li gej:

*'When we looked into this case, there was a mixture of Visa Debit Card transactions and also outward payment orders. The Visa Debit Card transactions were all payable to Coinbase ... These transactions did not raise any suspicions. There was no reason for these to be considered as suspicious transactions. Coinbase is for example one of the largest cryptocurrency exchange platforms in the world; billions of dollars turn over annually and it is used by many legitimate consumers. There is no reason to believe that illegitimate transactions are going to Coinbase.'*[5]

L-Arbitru haseb sew fuq dan il-kaz u jhoss li hija sfortuna li l-Ilmentatur tilef dawn il-flus meta genwinament kien jemmen  li kien ser jinvesti flusu sabiex jaghmel gwadann.

Matul is-sena eluf kbar ta' konsumaturi qed ikunu vittmi ta' *scams* u, kif jammetti l-Ilmentatur stess, kien vittma ta' *scam* ghaliex ghalih kemm *Tbit* kif ukoll *First Monument* kienu operaturi legittimi. Izda, specjalment fejn jidhol in-negozju fil-*crypto* il-konsumatur, li hafna drabi ma jkunx infurmat sew, facli li jaqa' vittma ta' dawn l-*iscams.* Il-*crypto* fiha aktar riskji ghax, fost affarijiet ohra, il-konsumatur ghadu mhux protett bizzejjed peress li relattivament huwa servizz finanzjarju gdid. Ghalhekk il-protezzjoni legali tal-konsumatur ghadha fi stadju bikri u min jinnegozja fil-*crypto* ghadu mhux protett legalment bizzejjed.Tant li l-Unjoni Ewropea ghadha fl-istadju ta' thejjija ta' Direttiva dwar dan is-suq.

F'dan il-kaz l-Ilmentatur innifsu jghid li ingidem minn *Tbit/First Monument.*

---

[3] P.36
[4] *Ibid*.
[5] P. 37

Il-Bank isostni li hu ittrasferixxa flus l-Ilmentatur lil *Coinbase* u minn hemm 'il quddiem ma kellux vizibilità ta' x'ser jigri minn flus l-Ilmentatur. Hu ma setax ikun jaf li flus l-Ilmentatur kienu ser jigu mghoddija minn *Coinbase* lil *Tbit/First Monument* u, ghalhekk, ma jista' jgorr l-ebda responsabbiltà ghaliex hu kien ghadda flus l-Ilmentatur lill-provditur legittimu.

L-Arbitru hu tal-fehma li, kif tenna l-Bank, hu ghamel tranzazzjoni legittima lill-operatur ta' reputazzjoni internazzjonali u minn hemm 'il quddiem ma kellu x'jaqsam xejn ma' flus l-Ilmentatur.

L-Arbitru jikkonkludi li l-Bank ma ghamel xejn hazin izda ittrasferixxa flus l-Ilmentatur fuq struzzjoni tal-istess Ilmentatur lil operatur legittimu. Ghal dan ma jistax isibu responsabbli ghal xi danni kif qed jippretendi l-Ilmentatur.

**Decizjoni**

**Ghalhekk l-Arbitru ma jista' jsib l-ebda bazi, kemm legalment kif ukoll fuq bazi ta' ekwità, biex jilqa' l-ilment u, ghaldaqstant, qed jichdu.**

*Rakkomandazzjoni*

**Però, l-Arbitru jhoss li ghandu jaghmel xi rakkomandazzjonijiet. Jekk mhux digà qed isir, l-Arbitru jirrakkomanda lill-Bank sabiex kemm jista' jkun jinforma lill-klijenti tieghu bir-riskji li hemm fi tranzazzjonijiet simili ghal dawk li ghamel l-Ilmentatur, u wkoll igibhom konxji tad-diversi *scams* li jistghu jaqghu vittmi taghhom fuq l-*internet*.**

**Huwa mixtieq ukoll, jekk ikun possibbli, li l-Bank meta jara li klijent ikun qed jaghmel tranzazzjonijiet frekwenti zzejjed lejn operaturi li jinnegozjaw il-*crypto*, jigbed l-attenzjoni tal-klijent dwar ir-riskji li jista' jhabbat wiccu maghhom.**

**Minhabba l-partikolarità ta' dan il-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**